MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2010

Talba Numru. 502/2010

Tony Zahra (Id. 298952M).

Vs

Joseph Galea.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur qed jitlob il-hlas tas-somma ta’ seba mija, tnejn u tletin ewro u sitta u tletin centezmu (€732.36) minghand il-konvenut rapprezentanti prezz ta’ xoghol u tal-ispare parts rezi lilu in konnessjoni ma appalt ta’ tiswija tal-karozza Maruti Jeep tal-intimat, kwantu ghal €378.36 bhala spare parts mixtrija, u €300.00 bhala xoghol, u €54.00 bhala VAT. Bl-ispejjes kontra l-konvenut.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-

terminu preskritt mil-ligi, u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attur u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna l-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' seba mija, tnejn u tletin ewro u sitta u tletin centezmu (€732.36). L-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------